TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 247/11

**Etienne Camilleri**
**vs**
**Channel Trade Marketing**

Illum 5 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' erba' mija u tmenin ewro (€480) rappreżentanti prezz ta' saqqu 'latex' li kien inxtara fit-12 ta' Diċembru, 2009 u ħariġlu t-tbajja.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huma kienu xtraw saqqu għal prezz ta' erba' mija u tmenin ewro (€480) f'Diċembru 2009 mingħand id-ditta intimata u xtraw ukoll is-slat base u cover sabiex jipproteġuh. Mal-ewwel sitt xhur ħarġulu t-tbajja u wara sena w nofs reġgħu ħarġulu tbajja oħra.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi li ġara hu li s-saqqu ġie mxarrab b'xi likwidu u li għalhekk ħareġ il-moffa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jara r-ritratti ta' tbajja u jikkonkludi illi dawn mhumiex tbajja ta' xi umdita' imma huma riżultat ta' tbajja ta' xi likwidu.

Illi mhumiex tbajja ta' moffa biss, iżda riżultat ta' xi likwidu li xarrab lis-saqqu u għalhekk ħareġ il-moffa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888